**3 ta' Ġunju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist. S.**

Michael Micallef *noe*

*versus*

Mark Grima

## **Kontumaċja – *Ferie***

*It-terminu għall-preżentata ta' nota ta' eċċezzjonijiet ma jkunx sospiż jekk iċ-ċitazzjoni tkun innotifikata lill-konvenut waqt il-ferie.*

Il-Qorti:–

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* li biha;

Premess illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' elf, tliet mija u sitta u ħamsin lira maltija u sittin ċenteżmu (Lm1356.60) bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' xogħol ta' *printing* varjat;

Premess illi l-konvenut ġie interpellat diversi drabi biex iħallas u dana anke permezz ta' ittra uffiċjali tad-29 ta' Settembru 1992, iżda xorta waħda baqa' inadempjenti;

Talab li, in vista tal-premess u dispensat is-smigħ skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u in vista tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur hawn annessa u mmarkata bħala Dok. X, din il-Qorti:

1. Tikkundannah iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' elf, tliet mija u sitta u ħamsin lira maltija u sittin ċenteżmu (Lm1356.60) bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' xogħol ta' *printing* varjat;

Bl-ispejjeż u mgħax legali kontra l-konvenut inkluż dawk

ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Settembru 1992;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jeċċepixxi:

1. Illi huwa personalment ma għandu jagħti xejn lis-soċjetà attriċi;

2. Illi fir-relazzjonijiet tiegħu mas-soċjetà attriċi huwa dejjem aġixxa bħala impjegat tal-kumpanija *Medclub Limited* fir-*Raffles Disco,* tant li x-xogħol l-anqas ma kien dejjem jiġi ordnat minnu;

Salvi eċċezzjonijiet oħra jekk u meta jkun il-każ;

Rat l-atti tal-kawża u senjatament il-verbal iddatat 9 ta' Frar 1993 fejn l-attur permezz tal-legali tiegħu rrileva li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut daħlu *fuori termine* u li għalhekk il-konvenut kien kontumaċi; u rat in-nota tal-konvenut tal-5 ta' Marzu, 1993;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat li qabel xejn tirrileva li kwantu segwe huwa limitat għall-punt dwar il-kontumaċja *o meno* tal-konvenut;

Illi jiġi wkoll irrilevat li bħala fatti jirriżulta li din iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fir-Reġistru fit-30 ta' Novembru 1992 u nnotifikata lill-konvenut fit-3 ta' Diċembru 1992. Il-konvenut ippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu (ara fol. 12 *et seq)* fit-12 ta' Jannar 1993, jiġifieri aktar minn għoxrin ġurnata min-notifika;

Il-konvenut għamel riferenza għall-art. 149 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u ssottometta li t-terminu kien sospiż bil-ferjat tal-Milied u li għalhekk in-nota tiegħu ma kinitx tardiva u m'hemmx kontumaċja. Saret wkoll riferenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla *in re:* **Joseph Cilia vs Joseph Agius** fis-26 ta' Jannar, 1990 (Ċitazzjoni Numru 778/84 VCC);

Jibda biex jingħad, kif tajjeb issottometta l-abili difensur tal-konvenut, li fid-deċiżjoni ċċitata minnu huwa minnu li fiha ġie rritenut *li meta ċitazzjoni tiġi nnotifikata* f'ġurnata li taħbat fil-ferjat, iż-żmien għall-preżentata ta' skritturi ma jimxix ħlief f'ċirkostanzi li huma kkontemplati fl-art. 149 tal-Kap. 12. F'dak il-każ, difatti, iċ-ċitazzjoni ġiet *innotifikata* lill-konvenut fid-19 ta' Lulju 1984 – jiġifieri waqt il-ferjat estiv – u skond dik il-Qorti t-terminu għan-nota ta' eċċezzjonijiet kellu jibda jitqies u *jiddekorri mill-1 ta' Ottubru 1984*, jiġifieri **wara** *li jispiċċa* l-ferjat relattiv u kellu allura jwassal għal għoxrin ġurnata, ċjoè sa l-20 ta' Ottubru 1984. Fil-fehma tal-Qorti f'dik is-sentenza, il-konvenut ma kienx kontumaċi;

Din il-Qorti, kif ippresjeduta u bl-akbar rispett għal dak li ġie ddeliberat u deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-imsemmija deċiżjoni, **ma tikkondividix l-istess raġonament,** anzi taħsibha differentement u kuntrarjament. L-ewwel osservazzjoni hija li l-art. 149 tal-Kap. 12 huwa inserit mil-leġislatur taħt it-titolu li jittratta fuq il-proċediment b'**libell** jew b'**petizzjoni** mentri hawn f'kull każ *si tratta* ta' ċitazzjoni. Il-proċediment b'ċitazzjoni invece huwa ttrattat fit-titolu segwenti taħt l-istess Taqsima I. Fil-parti li tittratta dwar proċediment b'ċitazzjoni *ma hemm* ebda artikolu simili għall-art. 149. Minflok, f'din il-parti nsibu artikolu estensiv proprju *ad hoc* (ara

l-art. 158 tal-Kap. 12) li jgħid espressament li l-konvenut għandu jippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu fi żmien għoxrin jum **mid-data tan-notifika,** kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba. Il-premess jinsab espress fis-subartikolu 1. Is-subartikolu 12 *inoltre jissokta jgħid li, minkejja disposizzjonijiet* ta' qabel dan l-artikolu, meta l-Qorti tkun stabbiliet jum għas-smigħ tal-kawża qabel l-għeluq tal-proċediment bil-miktub preliminari, il-konvenut għandu jippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni mhux iktar tard mill-ħin li fih il-kawża tkun ser tinstema' l-ewwel darba;

It-tieni osservazzjoni tal-Qorti hija li l-istess kap. 12 jikkontjeni disposizzjonijiet ġenerali dwar vakanzi pubbliċi, atti ġudizzjarji, sessjonijiet u ferjat u dan fit-Tieni Ktieb – ara art. 98 sa 121. L-art. 109 espressament jgħid li fis-sibtijiet, fil-vakanzi pubbliċi kif ipprovdut fl-att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali (kif illum emendat) u btajjel pubbliċi oħra, kif ukoll l-Erbgħa u l-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa, ma jsirux seduti u **lanqas jistgħu jiġu ppreżentati,** maħruġa nnotifikati jew esegwiti atti ġudizzjarji (sottolinear tal-Qorti). Imbagħad hemm eċċezzjoni meta *si tratta* ta' każijiet urġenti. Dan l-art. 109 inoltre għandu jinqara flimkien ma' l-artikolu ta' qablu li jgħid illi l-jiem imsemmija fl-artikolu li jaħbat minnufih warajh (jiġifieri l-art. 109) **ma jissospendix it-terminu.** Iżda jekk l-aħħar jum jaħbat wieħed minn dawn, it-terminu għandu jitqies li jiskadi fil-jum li jiġi minnufih wara, li ma jkunx wieħed minn dawk il-jiem. Ir-raġuni għal dan hija ovvja u ċjoè għaliex fil-ġranet imsemmija *fl-art. 109 ir-Reġistru* tal-Qorti ma jkunx miftuħ imma magħluq. Fil-perijodu estiv u dak natalizju, ir-Reġistru jkun magħluq biss f'dawk il-jiem ta' vakanza pubblika jew btajjel pubbliċi. Għalhekk, jekk l-għoxrin jew l-aħħar jum konċess għall-preżentata tan-nota ta' eċċezzjonijiet jaħbat f'jum meta r-

Reġistru tal-Qorti jkun magħluq allura n-nota għandha u tista' tiġi ppreżentata **fil-jum li jsegwi immedjatament** – dejjem skond l-art. 109 tal-Kap. 12 – u meta allura r-Reġistru jkun disponibbli;

F'dan il-każ, it-terminu suppost kellu jagħlaq fit-23 ta' Diċembru 1992. Bejn it-23 ta' Diċembru 1992 u t-12 ta' Jannar 1993 (id-data tal-preżentata da parti tal-kovnenut) kien hemm aktar minn jum utili li segwa minnufih kull jum li tulu r-Reġistru tal-Qorti nżamm magħluq minħabba btajjel pubbliċi. Għalhekk is-sottomissjonijiet tal-konvenut qegħdin jiġu respinti għaliex f'kull jum li r-Reġistru kien miftuħ huwa seta' ppreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, kif ingħad;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddikjara lill-konvenut kontumaċi, tordna għalhekk l-isfilz tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tordna bil-prosegwiment tal-kawża salv ostakolu legali f'każ ta' appell. L-ispejjeż relattivi għal dan il-provvediment ikunu a kariku tal-konvenut.